*Rapprezentazzjoni legali ta' socjeta` kummercjali;*
*Artikoli 181A u 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017

**Numru 14**

**Rikors Numru 1132/08TA**

**Charms Limited (C 21143)**

**vs**

**Wayne Chetcuti u Fabrizio Faniello**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fit-12 ta' Novembru 2008 u mahluf minn Martin Borg, li permezz tal-istess ippremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi bis-sahha ta' skrittura datata 15 ta' Novembru 2004 (Dok. A) is-socjeta` rikorrenti ittrasferiet b'titolu ta' lokazzjoni lis-socjeta` Famotre Limited li bl-istess titolu accettat u akkwistat il-fond imsemmi "Charms", fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, flimkien mal-armar u attrezzaturi specifikati fl-istess skrittura.

2. Illi bis-sahha ta' skrittura datata 20 ta' Frar 2008 (Dok. B) l-intimati ikkostitwew ruhhom garanti solidali u indivizibbli flimkien mas-socjeta` Famotre Limited ghaf-favur tas-socjeta` rikorrenti fl-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-kuntratt ta' lokazzjoni surriferit.

3. Illi s-socjeta` Famotre Limited ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti somma kumplessiva ta' erba' u tletin elf seba' mija tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€34,722.45c), rapprezentanti in kwantu ghal sebat elef tlett mija u ghoxrin Euro (€7,320) arretrati ta' kera, hamest elef tminn mija tmienja u tmenin Euro u seba' u sittin centezmu (€5,888.67c) arretrati ta' permessi ossija licenzji dovuti lil Malta Tourism Authority, sebat elef tlett mija u tlettax-il Euro u tnejn u disghin centezmu (€7,313.92c) arretrati ta' dawl u tal-ilma, u l-bilanc ta' erbatax-il elf mija disa' u disghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€14,199.86c) danni kagunati mis-socjeta` inkwilina, a bazi tal-istess kuntratt.

4. Illi minkejja li l-intimati, fil-kapacita` taghhom ta' garanti solidali, gew interpellati iwettqu l-hlas huma baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk l-intimati in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess tikkundanna u tordna lill-intimati ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma kumplessiva ta' €34,722.45c rapprezentanti in kwantu ghal sebat elef tlett mija u ghoxrin Euro (€7,320) arretrati ta' kera, hamest elef tminn mija tmienja u tmenin Euro u seba' u sittin centezmu (€5,888.67c) arretrati ta' permessi ossija licenzji dovuti lil Malta Tourism Authority, sebat elef tlett mija u tlettax-il Euro u tnejn u disghin centezmu (€7,313.92c) arretrati ta' dawl u tal-ilma, u l-bilanc ta' erbatax-il elf mija disa' u disghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€14,199.86c) danni kagunati mis-socjeta` inkwilina, a bazi tal-istess kuntratt.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1717/2008 prezentat fil-31 ta' Ottubru 2008 u bl-imghax komputat mid-data tal-prezentata tal-imsemmi mandat sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Wayne Chetcuti tas-26 ta' Mejju 2009 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghal-eccezzjonijiet sussegwenti l-esponenti jeccepixxi n-nullita tar-rikors guramentat promotur ai termini tal-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-iskrittura privata datata 20 ta' Frar 2008 hija nulla ab initio u/jew mhux effettiva u/jew mhux esegwibbli stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti kemm mil-ligi u/jew kif ukoll mill-istatut tas-socjeta` rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti l-esponenti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-esponenti u s-socjeta` rikorrenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti peress li l-ammonti mitluba ma humiex dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi."

Rat li l-konvenut l-iehor Fabrizio Faniello, ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi, ma pprezenta ebda risposta biex ghalhekk baqa' kontumaci u dan kif rifless fil-verbal tat-22 ta' Ottubru 2009 (a` fol 27);

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tat-3 ta' Frar 2010 (a` fol 49-50) fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari;

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

**Il-punti ta' fatti bejn il-partijiet**

**1.** Fil-verita`, ma tantx hemm wisq xi tghid bhala fatti, peress li b'din is-sentenza ser tkun deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Wayne Chetcuti, dwar in-nullita` tal-att prezentat;

**2.** In kwantu jirrigwarda din l-eccezzjoni bhala fatti jirrizultaw, li Martin Borg irrizenja mill-kariga ta' Direttur tas-socjeta' attrici fit-28 ta' Settembru 2001 u li din ir-rizenja giet registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet fit-3 ta' Ottubru 2001 (a` fol 41).

**3.** Huwa ukoll fatt, li artikolu 8 tal-*Memorandum and Articles* tas-socjeta` attrici (a` fol 34) jistabilixxi min ghandu r-rappresentanza legali u gudizzjarja tal-istess socjeta`. Huwa ukoll fatt li jemergi minn affidavits tad-Diretturi tas-socjeta` attrici, li f'laqgha tal-Bord tad-Diretturi tat-22 ta' Ottubru 2008 (a` fol 44 sa` fol 47) giet approvata resoluzzjoni bil-miktub, sabiex ai fini ta' istituzzjoni tal-kawza odjerna Martin Borg u l-Avukat Paul Farrugia ikunu awtorizzati jinizjaw il-proceduri odjerni kontra l-konvenuti.

**Punti ta' Ligi**

**4.** Il-punti legali sollevati mill-konvenut Wayne Chetcuti huma essenzjalment tnejn:-

(A) li l-*Memorandum of Articles and Association* f'artiklu 8 tal-istess, ma jawtorizzaw lil hadd hlief lil dawk li huma imsemmija biex ikunu istitwiti proceduri bhal dawk li ghandha quddiemha llum il-Qorti; u

(B) li per konsegwenza ma gewx osservati d-dettami tal-artiklu 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Minn ezami mill-qrib tas-subartikolu citat, jemergi li ai fini ta' ritwalita` tal-atti prezentati fir-Registru tal-Qorti irid "ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi" biex jinghad li att huwa null. Ghalhekk din il-partikolarita` trid tkun **essenzjali** u **espressa.**

**6.** Biex dak li jkun jasal ghal decizjoni, dan is-subartikolu ma jistax jittiehed *ut singuli* u isolat minn dak li jistipula l-artikolu l-artikolu 181A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitratta dwar min ghandu jew jista' jipprezenta skritturi gudizzjarji f'isem korp guridiku, bhal ma hi s-socjeta` attrici.

**7.** In sintezi, dak is-subartikolu jistipula, li kull skrittura li ghandha tinhalef skont il-ligi, ghandha fil-kaz ta' Korp li jkollu personalita` guridika distinta, apparti persuni ohrajn, tista' hekk ukoll tinhalef "minn kull persuna ohra li tkun **awtorizzata bil-miktub** minn dak il-Korp sabiex **tippresenta** atti gudizzjarji f'isimha" (il-kliem ingrass tal-Qorti). Ai fini tar-ritwalita' tal-

iskrittura, dan is-subartikolu ma jidholx fil-mertu dwar jekk l-awtorizzazzjoni moghtija kif fuq inghad, hiex konformi tal-Istatut tal-Korp guridiku.

**8.** Huwa pero` minnu ukoll dak li jghid artikolu 8 tal-Istatut tas-socjeta' attrici. B'dana kollu, ma hemm xejn fil-ligi li b'xi mod jorbot lid-Diretturi, milli jiddelegaw il-poteri taghhom lil terzi. Mill-ezami tal-Istatut esebit, ma hemm ebda eskluzjoni tar-regolamenti ta' poter ta' delegazzjoni li ghandhom id-Diretturi, liema regolamenti jinsabu mal-Ewwel Skeda tal-Kap 386 tal-ligijiet ta' Malta. Dawk ir-regolamenti tal-iskeda inkwistjoni li riedu jeskludu, gew hekk eskluzi *expressis verbis* mill-Istatut tas-socjeta` fuq imsemmija.

**9.** Izda anke kieku stess dak li qed jghid il-konvenut huwa minnu, l-insenjament ta' dawn il-Qrati, f'sitwazzjonijiet simili dejjem kien, li n-nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tal-Istatut ta' Socjeta` Kummercjali, inkwantu jirrigwarda proceduri istitwiti kontra t-terz, ma jistghux jitqanqlu mit-terz, peress li din hija kwistjoni li tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet interni ta' dik is-socjeta`.

**10.** F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg noe -vs- Accountant General, deciza mill-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1993** fejn fost ohrajn dik il-Qorti spjegat li "Jekk persuna ghandhiex id-dritt ta' rappresentanza jew le hija kwistjoni li tinteressa lis-Socjeta` u lis-soci u mhux lil terzi".

**11.** Ghall-Qorti jidher car, illi galadarba tali awtorizazzjoni saret bil-miktub u di piu` fid-dawl ta' dak li inghad aktar 'l fuq, ai fini tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma jidhirx li fl-Att li gie prezentat mis-socjeta` attrici u cioe` ir-rikors promotur, tezisti xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi biex tiddikjara n-nullita` ta' dan tar-rikors.

**12.** Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Wayne Chetcuti ma hiex fondata la fil-fatt u lanqas fil-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi billi **tichad** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Wayne Chetcuti u tordna l-prosegwiment u t-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes ta' din id-decizjoni a karigu tal-konvenut Wayne Chetcuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**